**226. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

Billi b'Riżoluzzjoni tas-Seduta Numru 194 tad-19 ta' Lulju 1978, il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja tal-iskola ta' Vittoriosa u l-artijiet li jmissu magħha lil Harry Stanger (Malta) Ltd;

U billi l-imsemmja Kumpanija talbet li ġġedded l-istess kirja għaż-żmien bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-iskola ta' Vittoriosa u l-artijiet imsemmija jistgħu jiġu mogħtija lill-imsemmija kumpanija"Harry Stanger (Malta) Limited" għaż-żmien għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

15.05.1985